MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2012

Numru 809/1999

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**

**KONTRA**

**SIMON CAMILLERI ta’ 44 sena, iben Emanuel u Rose Borg, imwieled nhar it-28.08.1966, residenti fil-fond 2, Triq San Lawrenz, Senglea, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 453166M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **SIMON CAMILLERI** li gie akkuzat talli nhar it-28.08.1999, ghall-habta tas-1.10am, gewwa Triq iz-Zonqor, Marsascala:

1. Hedded lil PC 190 Farrugia, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed

jaghmel dan is-servizz, bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz;

2. U aktar talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza pubblika kontra PC 190 Farrugia, waqt li kien qieghed jagixxi b’ordni moghtija skond il-Ligi minn awtorita’ kompetenti;

3. U aktar talli m’obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita’ jew ta’ wiehed inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel lil dan, waqt li kien qieghed jaghmel id-dmirijiet tieghu, billi ma halliex lil haddiehor dak li bil-Ligi kien ordnat li jaghmel, u billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skond il-Ligi, b’mod li jkun;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, irrifjuta li jaghti l-partikolaritajiet tieghu lil PC 190 Farrugia, meta gie mitlub li jaghmel dan;

5. U aktar talli kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat u glied;

6. U aktar talli qal kliem fahxi fil-pubbliku, li kien jikkonsisti f’dagha;

7. U aktar talli bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b’mod iehor.

Rat li din il-kawza bdiet bhala wahda distrettwali pero tkompliet bhala kumpilazzjoni minhabba ragunijiet ta’ kompetenza – ghaldaqstant rat li moqrija l-akkuza bil-gurament, gie ezebit ukoll il-kunsens ta’ l-Avukat Generali, sar id-debita nterrogatorju fejn l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fil-fatt l-atti kollha tal-kawza, in kwantu provi, huma ferm u ferm skarsi ghax xehed biss darbtejn PC 190 Farrugia li spjega kif l-imputat, meta hu l-Kuntistabbli bl-uniformi, hareg mill-Ghassa jsikket mara li bdiet tghajjat ma' tifel, aggredieh. Xehed fil-fatt illi dan qallu biex ma jindahalx. Indirizzah b'mod aggressiv tant li fetah idejh u ghollihom lejh u qallu anke d-diskors 'Inzellgek mal-bieb tal-garaxx.' Tant ukoll illi din l-aggressjoni ghalxejn, kif xehed dan il-Kuntistabbli, giet imwaqqfa minn terzi li kienu jafu lill-imputat.

Dan huwa s-succint tal-provi migjuba u xejn m'ghandha xi tghid din il-Qorti fuq dan l-atteggjament incivili u aggressiv, u certament mhux xieraq ta' l-imputat lejn dan il-Kuntistabbli, ghajr li ssib htija ta' l-akkuzi migjuba kontrieh, wara li rat l-Artikoli 94, 95, 96, 338 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 17 ta' l-imsemmi Kapitolu;
Tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena(1) sospiza ghal sentejn(2), u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------